MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 700/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard**

**vs.**

**Roderick Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Roderick Zahra ta’ 18-il sena, bin Joseph u Carmen nee’ Farrugia, mwieled Pieta’, data tat-twelid 31/08/1986 u joqghod numru 13, Rodcar, Triq il-Perit, Zebbug, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 393786M

Akkuzat talli nhar it-30 ta’ Gunju, 2005 u fil-granet ta’ wara din id-data f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ flus Maltin, meta kien jafu li huma falsifikati:
   (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 45 tal-Kap 204 u ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna/i, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess flus huma falsifikati;
   (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ anqas minn Lm100 ghad-dannu tas-socjeta’ Fal-con Ltd li huma sidien tal-pompa tal-petrol li tinsab Imdina Road, Zebbug;
   (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta' diesel u/jew petrol mill-istess pompa tal-petrol cioe' Fal-con Ltd li tinsab Imdina Road, Zebbug ghad-dannu ta' din is-socjeta' cioe' Fal-Con Ltd;
   (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu u jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghom;
   (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fl-1 ta' Frar, 2006[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204,
(b) l-artikoli 18, 308, 309, 310, 334, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2011 gie verbalizzat hekk:

[1] Ara fol. 67 tal-process.

*"F'dan l-istadju ghal rigward tal-akkuzi kollha, l-ufficjal prosekutur qed tirtira l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirreferi biss ghad-data kif inhi fl-akkuza.*

*F'dan l-istadju, Dr Martin Fenech ghall-imputat qed jirregistra ammissjoni.*

*Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenza ta' l-ammissjoni tieghu u nonostante li taghtu zmien li jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu, hu rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.*

*Saret trattazzjoni dwar il-piena."*

Rat in-nota ta' Roderick Zahra tal-1 ta' Novembru 2013, li maghha annetta affidavit tieghu, fejn qed jghid li ma kienx konxju li hu ammetta ghalll-imputazzjonijiet f'dawn il-proceduri, u jrid jirtira l-ammissjoni tieghu.

Rat ir-risposta tal-Ufficjal Prosekutur tal-15 ta' Novembru 2013, fejn oggezzjonat li l-imputat jirtira l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

**L-affidavit tal-Imputat pprezentat fl-1 ta' Novembru 2013**

Qabel kull kunsiderazzjoni ohra, din il-Qorti sejra tikkonsidra l-affidavit li l-imputat ipprezenta fl-1 ta' Novembru 2013 – kwazi sentejn u nofs wara li l-imputat kien ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih. F'dan l-affidavit, l-imputat jghid *inter alia* illi *"Illi recentement jien gejt infurmat mill-istess avukat li jiena inkarigajt li xi hadd kien rregistra ammisjoni f'ismi. Haga li jien nahlef li qatt ma ghamilt u li ma kontx konxju li grat. ... ... Dan l-izball jista' jkun ghaliex jiena ma nifhem xejn f'dawn l-affarijiet. Jiena rrid li din l-ammissjoni tigi irtirata ... ... "*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi din il-Qorti, bhala qorti ta' prim istanza, hija obbligata, ai termini tal-Artikolu 646(1) tal-Kodici Krimiinali, li tisma' *"fil-Qorti u viva voce"* ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Naturalment, il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke f'din il-Qorti bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjoni migjuba bil-miktub, pero il-kaz tal-imputat odjern ma jaqaz f'wahda minn dawn l-eccezzjonijiet. In-nuqqas ta' din il-Qorti li tisma' l-provi fil-Qorti u *viva voce* igib in-nullita tal-eventwali sentenza.[2] Ghaldaqstant, din il-Qorti hija legalment prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-affidavit tal-imputat, u tista' liberament tordna l-izfilz tieghu.

Pero, ghal kull buon fini, din il-Qorti se tikkunsidra t-talba fl-affidavit tal-imputat bhala rikors sabiex din il-Qorti tirrevoka l-ammissjoni li hu ghamel fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011, u dan ghaliex skont l-imputat hu qatt ma kien inkariga lil xi hadd sabiex jirregistra ammissjoni f'ismu u ma kienx konxju li grat. L-imputat jghid li dan l-izball jista' jkun gara ghaliex *"jien ma nifhem xejn f'dawn l-affarijiet. Jien irrid li din l-ammissjoni tigi rtirata".* B'tali talba huwa qed jirrikonoxxi li effettivament sal-20 ta' Awwissu 2013 – id-data meta halef l-affidavit tieghu - kien ghad hemm ammissjoni fis-sehh u, *a fortiori*, ammissjoni valida – peress li dak li jkun ma jistax jirtira xi haga li legalment ma tezistix.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Attard** deciza fis-26 ta' April 2001, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet illi: *"Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix. Pero ma tistax tigi tollerata sistema fejn l-akkuzat li jkun, wara li jammetti u jirribadixxi l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti tkun tatu l-monitu rikjest tal-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali jerga' jibdielu u jitlob li jirtira l-ammissjoni tieghu bhallikieku qatt ma kien xejn, sakemm ma jkunx hemm verament raguni valida li tipprevali. Wisq u wisq aktar din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-appellant jippretendi li jgib il-quddiem pretest li abbazi tieghu jitlob li jkollu l-facilità jew il-fakoltà li jirtira l-ammissjoni tieghu debitament maghmula u registrata minghajr ma, almenu, igib prova li dik l-ammissjoni hija nficjata minn xi fattur serju daqstant li legalment il-Qorti tkun obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni. ... ... L-appellant messu fehem li allahares dawn il-qrati jaslu fl-istat li jridhom hu, u cioe, li fuq mera allegazzjoni, konvenjentement, ihassru u jikkonsidraw bhallikieku inezistenti ammissjonijiet maghmula u registrati legalment u kif titlob il-ligi. Iktar minn hekk din il-Qorti m'hix disposta li tghid."*

[2] Ara is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) *per* Imhallef V. De Gaetano fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo** datata 9 ta' Settembru 1999.

Permezz ta' din is-sentenza l-imsemmija Qorti effettivament ikkonfermat id-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru 1998 li, anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza Ingliza, kienet irriteniet hekk:

*"Dak li prattikament qed jitlob il-hati hu li jirtira l-ammissjoni ta' htija minnu registrat fit-28 ta' Settembru 1998. Il-ligi taghna ma tikkontemplax espressament tali sitwazzjoni izda b'analogiija mal-prassi adoperata fil-Qrati Inglizi, wiehed jista' jghid li ammissjoni gudizzjarja, biex tkun valida, trid tkun volontarja. L-iskop kollu tal-procedura – procedura li certament giet segwita f'dan il-kaz – delineata fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 453 hu sabiex tassigura proprju din il-volontarjeta. In fatti din il-Qorti jekk, minkejja l-ammissjoni, ikollha raguni tajba biex tiddubita jekk ir-reat* <u>*in genere*</u> *kienx tassew gie maghmul jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, hi ghandha addirittura tirrifjuta tali ammissjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza bhallikieku l-akkuzat wiegeb li mhux hati (ara. l-Art. 453(2) tal-Kodici Kriminali). Din il-Qorti la kellha u anqas ghandha raguni tajba biex tiddubita f'dan is-sens.*

*Kwantu ghall-volontarjeta ta' ammissjoni gudizzjarja, tali volontarjeta tigi nieqsa ghall-istess ragunijiet li konfessjoni extra-gudizzjarja ma tkunx ammissibbli, u cioe jekk dik il-konfessjoni tkun giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'wieghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. Fil-ligi taghna, u fuq l-iskorta tal-"common law" Ingliza, it-test ta' konfessjoni hix ammissibbli jew le gie dejjem formulat hekk:*

*"... ... a statement obtained by fear of prejudice or hope of advantage excited or held out by a person in authority ... ..." tkun stqarrija jew konfessjoni mhux ammissibli (ara Blackstone's Criminal Practice 1991, para F17.1)*

*... ... Il-Qorti, naturalment, ma teskludix li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn konfessjoni gudizzjarja tigi invalidata minhabba cirkostanzi ohra, bhal per ezempju jekk minhabba mard jew drogi l-gudikabbli ma jkunx fehem, minkejja l-assistenza legali u t-twissija tal-Qorti, il-portata tal-ammissjoni tieghu; izda kif jinghad f'Archbold (1997): "If the defendant pleads guilty, and it appears to the satisfaction of the judge that he rightly comprehends the effect of his plea, his confession is recorded and sentence is forthwith passed, or he is removed from the bar to be again brought up for judgement" (para. 4-14) ... ..."*

Fil-kaz odjern l-imputat, debitament assistit mill-legali tieghu, ammetta ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu. Din il-Qorti, kif preseduta, kellmet lill-imputat direttament u wissietu bil-konsegwenza tal-ammissjoni tieghu, u nonostante li tatu zmien jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu, hu rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu. Fl-ebda hin, l-imputat jew il-legali tieghu ma gibed l-attenzjoni tal-Qorti li l-imputat ma kienx qed jifhem x'kien qed jigri. Din il-Qorti, la kellha, u lanqas ghandha raguni tajba biex tiddubita mill-volontarjeta ta' din l-ammissjoni. Inoltre, rigward l-allegazzjoni tal-imputat li *"jien ma nifhem xejn f'dawn l-affarijiet",* il-Qorti tirrileva li mill-fedina penali jirrizulta li qabel inbdew dawn il-proceduri, l-imputat diga kellu zewg kundanni minn dawn il-Qrati fuq reati in konnessjoni mal-ligi tas-sewqan. Ghaldaqstant, l-imputat hu midhla tal-proceduri fil-Qrati. Ghalhekk, l-allegazzjoni tal-imputat li hu ma kienx konxju li rregistra ammissjoni mhix kredibbli.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tistax takkolji t-talba tal-imputat biex jirtira l-ammissjoni minnu registrata, u qed tichadha.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, huwa ghamel dan biss wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat f'dawn il-proceduri li kienet ghalqet il-provi. Fil-fatt dawn il-proceduri bdew fil-11 ta' Jannar 2006 u l-imputat ammetta fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daharu mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni. Imma, l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti, u m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena.

Kif diga inghad, mill-fedina aggiornata tieghu, jirrizulta li l-imputat ghandu diga zewg kundanni minn dawn il-Qrati ghal reati relatati mal-ligi tas-sewqan.

In oltre, fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 l-ufficjal prosekutur irtirat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u irreferiet biss ghad-data kif inhi fl-akkuza, u ghaldaqstant, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

Ir-reati kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 334 tal-Kodici Kriminali u dak kontemplat fl-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta huma assorbiti mir-reat kontemplat fl-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-ammont ta' flus foloz li uza l-imputat ma kienx wiehed kbir – karta tal-hames liri Maltin (Lm5) u karta ohra ta' ghaxar liri Maltin (Lm10), u li effettivament l-imputat irnexxielu jiffroda lill-parte civile minn seba' Liri Maltin (Lm7).

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li meta kkommetta r-reat l-imputat kellu tmintax (18) -il sena, u mill-fedina penali tieghu ma jirrizultax li rega' ikkommetta reat iehor wara dan il-kaz.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis, li piena karcerarja effettiva mhix idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 308, 309, 310, 334, 31, 20, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qed tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija, li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, thallas is-somma ta' sittax-il Euro u wiehed u tletin centezmu (€16.31) ekwivalenti ghal seba' Liri Maltija (Lm7.00) lill-parti offiza, is-socjeta Fal-con Ltd., fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni minnhom sofferti.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-karti tal-flus foloz ezebiti f'dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------